Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356)21689168, (0356)21641487
Telefax:(00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.safilc.gov.mt

Minuti

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Safi

Id-Disgħa Leġiżlatura

Laqgħa Numru 8/2026

3 ta' Awwissu, 2026

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Ħal Safi, fil-6:00pm.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Johan Mula | Sindku |
| Kurt Debono | Kunsillier |
| Claire Zammit Xuereb | Kunsilliera |
| Joanna Abdilla | Kunsilliera |

Skużati

| | |
|---|---|
| Francis Callus | Viċi Sindku |

Uffiċċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Doris Baldacchino: | Segretarju Eżekuttiv |

**8.0 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Is-Sindku qal li l-Viċi Sindku Francis Callus kien avża biex ikun skużat milli jattendi għal laqgħa tal-Kunsill. Huwa ġie skużat.

**8.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Il-Kunsillieri qablu fuq il-Minuti tal-laqgħa preċedenti. Dawn ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

8.1.1 Is-Sindku qal li ref punt 7.2.1 (bozoz LED's) issa kienu kważi nbiddlu l-bozoz kollha. Huwa qal lill-Kunsillieri sabiex jekk jiltaqgħu ma' xi bozza li weħlu l-ġodda li ma tkunx xegħlet, għandhom jinfurmaw lill-Kunsill sabiex tiġi rrapurtata lill-kuntrattur.

8.1.2 Is-Sindku qal li ref punt 7.2.3 (studju Triq Dun Gużepp Caruana) l-Kunsill kien talab l-għajnuna tar-*Reġjun Punent* u kkonferma li r-Reġjun kienu qed jaċċettaw li joħorġu l-fondi għal dan l-istudju. Is-Sindku qal li kien tkellem ukoll ma min kien ser jagħmel l-istudju fejn tlabna biex l-istess studju jsir fuq jumejn, ġurnata f'Settembru u oħra f'Ottubru u jaqbdu minn filgħodu sa filgħaxija.

8.1.3 Is-Sindku qal li ref punt 7.2.4 (Town Twinning Lesvos-Greċja) issa din kienet iffinalizzata. Huwa spjega għala kellhom jinbiddlu d-dati jiġifieri minn 29 ta' Ottubru 2026 sat-2 ta' Novembru, 2026 u li l-Kunsill kien talab l-ammont ta' €250 minflok €200 kull persuna peress li l-prezz tal-flights għolew minħabba li t-titjira tal-Ħadd bejn titjira u oħra kien se jkun hemm biss sagħtejn, u li għalhekk kien se jkun riskjuż li nibbukkjaw din it-titjira.

8.1.4 Is-Sindku qal li ref punt 7.3.1 (fanali f'Misraħ San Mattew) kien hemm xi ħsarat li għad irridu naraw x'inhi. Huwa qal li l-Kunsill kien ser iqabbad *electrician* sabiex jiċċekkja l-fanali.

8.1.5 Is-Sindku qal li ref punt 7.3.5 il-globi ta' quddiem il-Każin u quddiem il-Kappella ta' Santa Marija issa kienu nbidlu.

8.1.6 Is-Sindku staqsa lill-Kunsillier Kurt Debono rigward il-fanal li kien hemm mal-Każin tan-Nazzjonalisti. Il-Kunsillier Kurt Debono qal li kien tkellem mal-persuna li kien installa il-fanal eżistenti u li issa kien ser jinstalla l-ġdid.

8.1.7 Is-Sindku qal li ref punt 7.8 (*Tender Artificial Turf 5 A-Side Football Ground*) dan it-tender kien fil-fażi ta' appell u li l-Kunsill kien irċieva telefonata li kien hemm kuntrattur li kien ser jitfa' appell pero' sa dakinhar tal-laqgħa l-Kunsill ma kienx irċieva l-ebda appell.

**8.2 Komunikazzjoni mis-Sindku**

8.2.1 Is-Sindku qal li xtaq ifakkar bl-istediniet tal-Kappillan:

1. 30 ta' Awwissu 2026 fid-9:00am quddiesa bil-paniġierku.

2. 3 ta' Settembru, 2026 riċeviment tal-festa fiċ-ċentru Parrokkjali fis-7:00pm

8.2.2 Is-Sindku qal li nhar il-Ħamis 30 ta' Lulju, 2026 flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kienu ltaqgħu mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali minħabba l-pożizzjoni tas-Segretarju Eżekuttiv. Huwa ta' d-dettalji tal-proċedura ta' kif jintela' l-post ta' Segretarju Eżekuttiv ġdid.

8.2.3 Is-Sindku ressaq ukoll l-applikazzjoni tal-Karnival 2027. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li l-ideal ma' tintefax din l-applikazzjoni għaliex jista' jkun żmien fejn ikun diffiċli li jsiru attivitajiet fi żmien il-Karnival minħabba l-istess sitwazzjoni ta' Segretarju Eżekuttiv l-ġdid. Kunsill qabel.

8.2.4 Is-Sindku qal li ukoll nhar il-Ħamis 30 ta' Lulju, 2026 kien attenda laqgħa ma *Projects Green*. Huwa qal li *Projects Green* kienu ser jagħmlu l-*embellishment* ta' dawk il-ġonna li kellhom bżonn rinnovazzjoni biex wara joħolqu *link (green corridors)* bejn il-ġonna kollha eżistenti fil-lokal. Is-Sindku qal li kien konxju li uħud mit-toroq ta' Ħal Safi kienu dojoq pero' l-*link* setgħet ssir b'żebgħa mal-art jew tabelli, u mhux bilfors b'intervent strutturali, sabiex b'hekk ma jitnaqqsux parkeġġi. Is-Sindku qal li minn naħa ta' Project Green kienu se jgħaddu l-proposti tagħhom sabiex imbagħad jiġi diskussi mill-Kunsill.

8.2.5 Is-Sindku qal li l-Kunsill kien applika sabiex issir il-bankina fi Triq it-Torri ta' Ġawhar pero' minħabba n-numru kbir ta' siġar li hemm, il-Kunsill kien qed jiffaċċja ħafna problemi kif kienu ser isiru x-xogħolijiet minngħajr ma jmutu s-siġar. Saret diskussjoni u l-Kunsill qabel li għal issa ma ssirx din it-triq u minflok napplikaw għall-bankina oħra. Is-Sindku qal li l-Kunsill seta' japplika biex isiru dawn it-toroq:

- Bankina tal-Mużew tas-subien – Triq San Tumas
- Parti minn Triq Salvu Cauchi
- Triq Piju Zammit u
- Triq il-Kwadru.

8.2.6 Is-Sindku qal li uħud mill-pjanti li kien hemm fil-pjazza kienu nħarqu bis-sħana kbira li għamlet. Dan minkejja li kkonferma mal-ġardinar li t-tisqija baqgħet issir regolari. Saret diskussjoni u l-Kunsill qabel li niżirgħu fjuri imqar temporarji għal żmien il-festa.

Il-Kunsilliera Joanna Abdilla qalet li fir-roundabout li hemm fil-Karwija ukoll kien jinħtieġ li jinżergħu xi pjanti.

Il-Kunsillier Kurt Debono qal li fl-istess roundabout tal-Karwija kien hemm siġra mmejla. Il-Kunsill iddiskuta pero' kien hemm dubju jekk kienx hemm siġar fir-*roundabout* għalhekk qablu li għandna niċċekkjaw dwar dan.

8.2.7 Il-Kunsilliera Claire Zammit Xuereb staqsiet jekk il-persuna li kienet ser tagħmel użu mis-sala għal *Fund Raising Event* kinitx kkonfermat meta ser tagħmel dan. Is-Segretarju Eżekuttiv kkonfermat li kienet ser tuża' s-sala l-Ħamis 20 ta' Awwissu, 2026 filgħodu u li kienet iffirmatilha sabiex iġġib il-permess meħtieġ mingħand il-pulizija.

8.2.8 Il-Kunsilliera Claire Zammit Xuereb qalet li l-Kappillan kellu bżonn ħames bins għal nhar il-Ġimgħa 21 ta' Awwissu, 2026. Il-Kunsill qabel li nniżżluhomlu fiċ-Ċentru.

8.2.9 Il-Kunsilliera Claire Zammit Xuereb qalet li wisq probabbli l-ħarġa għal Għawdex kienet ser issir nhar il-Ġimgħa 18 ta' Settembru, 2026.

8.2.10 Il-Kunsilliera Joanna Abdilla staqsiet jekk kienux ser isiru t-temporary bus stops fi Triq il-Kuċċard meta l-pjazza tkun magħluqa għal żmien il-festa. Is-Sindku kkonferma li kien attenda laqgħa ma' *Transport Malta* fejn assigurawh li kienu ser jieħdu ħsieb li jitpoġġew it-*temporary bus stops*.

8.2.11 Il-Kunsilliera Joanna Abdilla qalet li l-ħarġa għal Birżebbugia kull nhar ta' Erbgħa intlaqgħet tajjeb ħafna mir-residenti.

8.2.12 Il-Kunsillier Kurt Debono staqsa jekk kinux qed isiru courses tal-*First Aid* għall-Annimali. Il-Kunsill iddiskuta u qablu li ser niċċekkjaw dwar dan.

8.2.13 Il-Kunsillier Kurt Debono staqsa jekk il-containers mill-iskola kinux tneħħew. Is-Sindku kkonferma li dawn kienu tneħħew.

8.2.14 Il-Kunsilliera Joanna Abdilla qalet li s-sezzjonijiet tal-*Pilates* kienu ser jieqfu fix-xahar ta' Awwissu.

**8.4 Korrispondenza**

Saru xi mistoqsijiet fuq xi korrispondenza.

**8.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

Il-pagamenti kollha ġew diskussi u approvati unanimament.

**8.6 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa ntemmet fis-7.44pm. Il-laqgħa li jmiss ser tkun nhar it-Tlieta 15 ta' Settembru, 2026 fis-6.00pm.

| | |
|---|---|
| Johan Mula | Doris Baldacchino |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |